# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 t'April, 2001**

**Numru 15**

**Cit. Nru. 308/01 GCD**

**Avukat Dottor Peter Fenech bhala Chairman, Eugenio Privitelli bhala Segretarju u Conrad Thake, Alfred Cassar u Joseph P. Farrugia bhala Membri tal-Board ghan-nom u in rapprezentanza tal-Mediterranean Conference Centre**

**Vs**

**Herman Bonaci**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi, wara li qalu:

Illi l-konvenut kera s-sala Republic Hall u ha s-servizzi relattivi minghand l-atturi gewwa Dar il-Mediterran sabiex isir il-Kuncert bl-isem "The Music of Andrew Lloyd Webber" f'Novembru 1999;

Illi rigward l-imsemmija kiri tas-sala Republic Hall u s-servizzi relattivi l-konvenut kellu jhallas lill-atturi l-ammont totali ta' tlett elef erba' mija u sitta u sittin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm3,466.68) skond l-"invoice" Dok. "A" annessa mac-citazzjoni;

Illi l-konvenut hallas lill-atturi l-ammont ta' elf u tliet mitt lira Maltin, il-konvenut huwa ghalhekk debitur ta' l-atturi fl-ammont cert, likwidu u dovut ta' elfejn mija u sitta u sittin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm2,166.68);

Illi l-konvenut, ghalkemm gie interpellat biex ihallas l-ammont ta' elfejn mija u sitta u sittin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm2,166.68), baqa' inadempjenti;

Illi jissussistu l-elementi kollha rikjesti biex jigu applikati l-artikoli 167 u l-artikoli sussegwenti tal-Kap. 12;

Talbu illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 u l-artikoli sussegwenti tal-Kap. 12; u

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elfejn mija u sitta u sittin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm2,166.68) dovuti mill-konvenut lill-atturi rigward l-imsemmija kiri tas-sala u s-servizzi relattivi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-18 ta’ Settembru 2000 u bl-imghaxijiet legali mit-18 ta’ Settembru 2000 kontra l-konvenut.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf mill-Av. Peter Fenech u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenut baqa’ ma deherx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’ l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa’ t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm